# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 6 ta' Marzu, 2024.**

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' **Mandat ta' Inibizzjoni Numru 255/2024/1 ISB** fl-ismijiet :

**Diana sive Diane Busuttil (K.I. 267167M)**

**Vs**

1) **Mallia & Mallia Developments Limited (C68106) u**
2) **Patience Developments Limited (C23254) ġja Kefi Holding Limited**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti fl-14 ta' Frar 2024 fejn ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli :

***B'xi mod is-soċjetajiet intimati, Mallia & Mallia Developments Limited, debitament registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji bin-***

***numru C68106 bl-indirizz postali 'Nikki', Mdawra, limiti ta' Burmarrad, Burmarrad, Malta u Patience Developments Limited gja Kefi Holding Limited debitament registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji bin-numru C23254 bl-indirizz postali ta' sebgha u erbghin (47), Casa Maria, Sir Michelangelo Refalo Avenue, Balzan Malta, milli b'xi mod jitrasferixxu u/jew jakkwistaw l-proprjeta', in parti jew kollha kemm hi, jew b'xi mod ieħor jiddisponu minn jew jimponu xi piż jew obligazzjoni reali jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod jgħaddu t-tgawdija temporanja jew definittiva tal-istess proprjeta', senjatament l-għalqa li tinsab fuq art maghrufa Ta' l-Andar, li tmiss ma' sqaq komunament maghruf bhala sqaq kantuniera ma' Triq il-Hanxara, ta' kejl superficjali ta' cirka 1,564 m.k gewwa z-Zebbiegh (Dok. A1 – immarkata bil-kulur orangjo). Din l-ghalqa kienet tifforma parti minn art ikbar ta' kejl superficjali komplessiv ta' cirka tlett elef u disghin metri kwadri (3,090mk), liema art hija mmarkata bil-kulur roża fuq l-istess Dok. A1 u liema art minn nofsinhar u mil-lbic tmiss ma' art tas-soċjeta intimata Mallia & Mallia Developments Limited u mit-tramuntana ma' sqaq li jinfed kantuniera ma' Triq il-Hanxara.***

u dan għar-raġunijiet u l-premessi magħmula fir-rikors promotur, ċjoè:

*Billi l-esponenti kienet mizzewga lill-Eucharist Bajada maghruf bhala Chris (karta tal-identita' numru 375069M) u qabel ma huma zzewgu fis-sena 1993, fis-sena 1991 il-genituri tar-ragel taghha akkwistaw (kuntratt anness u mmarkat* ***Dok. A2****) u kienu tawhom proprjeta' li huma kellhom, ghalqa li kienet tinsab f'tal-Andar, fi Triq il-Bidnija, iz-Zebbiegh, limiti tal-Imgarr Malta, tal-kejl superficjali komplessiv ta' cirka tlett elef u disghin metri kwadri (3,090 m.k.) u dan sabiex sservi bhala d-dar matrimonjali taghhom, kif ukoll sabiex, fuq il-parti ta'*

*wara, ir-Rikorrenti tkun tista tibni stallel u zzomm l-annimali taghha, hemm fuq il-post;*

*Billi sa mill-1991 f'din l-art inbnew l-istallel tal-esponenti fuq in-naha ta' wara tal-art, li llum tinfed fuq sqaq komunament maghruf bhala sqaq kantuniera ma' Triq il-Hanxara, ghall-uzu esklussiv tal-istess Rikorrenti, u eventwalment inbniet ukoll Villa fuq in-naħa ta' quddiem li ssemmiet Nero, liema Villa taghti ghal fuq Triq il-Bidnija (ritratt meħud mill-ajru tal-art in kwistjoni immarkat rispettivament bil-kuluri aħmar, blu u isfar anness u mmarkat* ***Dok. A3****);*

*Billi l-art ta' kejl ta' cirka tlett elef u disghin metri kwadri (3,090 m.k.) matul iż-żwieġ tal-esponenti ma' Chris Bajada, proprju fis-16 ta' Novembru 1999, ġiet trasferita mis-soċjeta Vicarist Limited (C6406) a favur il-kumpanija Kefi Holdings Limited (C23254) (kuntratt ta' transferiment anness u mmarkat* ***Dok. A4****), kumpanija li fiha zewgha d-defunt Eucharist Bajada kien ishmatarju u l-uniku direttur taghha (kopja tal-Memorandum and Articles of Association ta' Kefi Holding Limited annessa u mmarkata* ***Dok. A7****);*

*Billi r-Rikorrenti u zewgha qatt ma marru jghixu f'Villa Nero, izda r-Rikorrenti kienet tuza hi biss, kif dejjem miftiehem ma' zewgha, l-ghalqa ta' fuq wara sabiex trawwem l-annimali taghha;*

*Billi bejn ir-rikorrenti u zewgha kien hemm dejjem l-intiza cara bejniethom li hi kienet qieghda zzomm il-parti ta' wara ghaliha, setghet taghmel u tirranga din l-ghalqa kif riedet hi, minghajr ebda indhil minn zewgha u dan sabiex trabbi l-annimali taghha fuqa, trobbja li kien u ghadu l-passatemp u n-namur taghha sa minn qabel kienu bdew johorgu flimkien;*

*Billi mis-sena 1991, din is-sitwazzjoni baqghet ghaddejja anke meta r-Rikorrenti u zewgha kellhom krizi fiz-zwieg taghhom, kif ukoll wara li nbdew il-proceduri ta' separazzjoni bejniethom, u wara li zewgha Chris gie nieqes fil-21 ta' Dicembru tas-sena 2022, it-tgawdija u pussess assolut u uniku mill-esponenti ta' din l-ghalqa baqghet ghaddejja sal-lum il-gurnata;*

*Billi formalment qatt ma sehh it-trasferiment tal-ghalqa ghal fuq isem il-konjugi, Eucharist u Diane Bajada, u kif ukoll, l-ghalqa qatt ma giet formalment trasferita fuq isem ir-Rikorrenti wahedha;*

*Billi hi dejjem ghamlet uzu tal-art daqs li kieku kienet taghha u taghha wahedha;*

*Billi l-kumpanija Kefi Holding Limited fis-sena 2017 biddlet isimha għall-Patience Developments Limited;*

*Billi ricentement, fl-ahhar tas-sena 2023, saret taf li zewgha, minn wara darha, tramite l-kumpanija li kien jamministra Kefi Holding Limited, wieghed li jbigh u jitrasferixxi din l-għalqa tar-Rikorrenti lis-soċjetà intimata Mallia & Mallia Developments lura fis-sena 2015 (konvenju anness u mmarkat* ***Dok. A5****), saret taf ukoll li Mallia & Mallia Developments Limited fethu proceduri legali kontra s-soċjetà intimata Patience Developments Limited sabiex jaddivjenu ghall-kuntratt ta' publikazzjoni ta' din l-art skond il-konvenju, ghal liema proceduri l-kumpanija Patience Developments Limited waqghet kontumacja u l-kawza giet deciza favur Mallia & Mallia Developments Limited fis-sena 2023 (kopja tas-sentenza annessa u mmarkat* ***Dok. A6****);*

*Illi r-Rikorrenti qatt ma kienet infurmata b'dawn il-proceduri minkejja li hi kienet tokkupa l-ghalqa bhala s-sid tal-istess;*

*Billi l-venditriċi, l-intimata Patience Developments Limited, ma tistax tassigura l-paċifiku pusses tal-art in kwistjoni għaliex il-pussess kien, għadu u dejjem baqa f'idejn l-esponenti u għalhekk it-trasferiment ma jistax isir, dato ma non concesso, kif ordnat mill-Qorti, għaliex l-art mhijiex tal-venditriċi;*

*Billi r-Rikorrenti ilha sa minn tal-inqas ghal dawn l-ahhar tnejn u tlettin sena tagħmel użu waħedha ta' u bħala sid assolut ta' din l-għalqa, u dan b'mod pubbliku, legittimu, kontinwu u mhux interrott, paċifiku, u mhux ekwivoku, mingħajr ebda tfixkil mingħand ħadd, użat l-stallel, żammet diversi annimali hemmhekk, fosthom żwiemel u klieb f'din l-għalqa;*

*Billi r-Rikorrenti prezentat proceduri opportuni kontestwalment mal-mandat odjern fejn qiegħda titlob l-Qorti Civili tikkonferma li l-art in kwistjoni hija tagħha b'titolu ta' preskrizzjoni akkwiżittiva;*

*Billi d-drittijiet tar-Rikorrenti sejrin jiġu serjament u severament preġudikati kemm-il darba l-inibizzjoni ma tintlaqax. Għaldaqstant u kif ukoll għar-raġunijiet aktar dettaljati li sejra tispjega u tipprova r-Rikorrenti waqt is-smigħ ta' dan l-istess mandat, jeżistu l-elementi meħtieġa fil-Liġi sabiex din it-talba tintlaqa;*

*Ir-Rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba proviżorjament ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż kontra s-Socjetajiet Intimati;*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tal-14 ta' Frar 2024, fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provvizorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat bi żmien prefiss biex iwieġbu, u fejn appuntat ir-rikors għas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta' Marzu 2024.

Rat ir-**Risposta** tas-soċjetà intimata Mallia & Mallia Developments Limited (C68106) pprezentata fit-23 ta' Frar 2024, fejn għar-raġunijiet hemmhekk indikati, hija opponiet għall-ħruġ tal-Mandat mitlub, risposta illi mhix qed tiġi riprodotta peress illi kopja elettronika tagħha ma ntbgħatitx minkejja dak degretat fl-14 ta' Frar 2024.

Rat ir-**Risposta** tas-soċjetà intimata Patience Development Limited (C23254) ppreżentata fl-1 ta' Marzu 2024, fejn għar-raġunijiet hemmhekk indikati, hija opponiet għall-ħruġ tal-Mandat mitlub, risposta illi wkoll mhix qed tiġi riprodotta peress illi kopja elettronika tagħha ma ntbgħatitx minkejja dak degretat fl-14 ta' Frar 2024.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2024 u rat illi r-Rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12** tal-Liġijiet ta' Malta, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Issa skont l-**Artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m'għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Fil-fatt mill-Artikolu 873(2), joħorġu żewġ elementi li r-rikorrent irid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Grech pro et noe v. Manfre`**[1] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu għall-ħrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħrug tal-Mandat mitlub. Huwa wkoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa' talba għall-ħrug tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m'għandux ifisser li jekk il-ħruġ tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

---

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista' tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi jirriżulta f'dan il-każ illi r-rikorrenti qed tippretendi illi għandha dritt iżżomm lill-intimati milli ***b'xi mod jitrasferixxu u/jew jakkwistaw l-proprjeta', in parti jew kollha kemm hi, jew b'xi mod ieħor jiddisponu minn jew jimponu xi piż jew obligazzjoni reali jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod jgħaddu t-tgawdija temporanja jew definittiva tal-istess proprjeta', senjatament l-għalqa li tinsab fuq art maghrufa Ta' l-Andar, li tmiss ma' sqaq komunament maghruf bhala sqaq kantuniera ma' Triq il-Hanxara, ta' kejl superficjali ta' cirka 1,564 m.k gewwa z-Zebbiegh (Dok. A1 – immarkata bil-kulur orangjo). Din l-ghalqa kienet tifforma parti minn art ikbar ta' kejl superficjali komplessiv ta' cirka tlett elef u disghin metri kwadri (3,090mk), liema art hija mmarkata bil-kulur roża fuq l-istess Dok. A1 u liema art minn nofsinhar u mil-lbic tmiss ma' art tas-soċjeta intimata Mallia & Mallia Developments Limited u mit-tramuntana ma' sqaq li jinfed kantuniera ma' Triq il-Hanxara.***

Mir-rikors promotur jirriżulta illi r-**rikorrenti Diana sive Diane Busuttil** tikkontendi illi hija ilha tagħmel użu mill-parti tal-art mmarkata bl-aħmar fuq ir-ritratt (DOK A3) għal aktar minn tletin sena, sabiex fiha trabbi żwiemel u annimali oħra. Tispjega kif l-art għaddiet minn kumpanija għall-oħra, bl-aħħar waħda tkun dik illi fiha żewġha kien direttur u azzjonist waħdani. Tgħid illi hija dejjem kellha arranġament ma' żewġha illi l-art *de quo* tintuża esklussivament minnha u qatt ma kellha indħil minn ħadd f'dan ir-rigward. Tikkontendi illi l-proċeduri bejn l-intimati għall-esekuzzjoni tal-konvenju bejniethom saru ad insaputa tagħha u l-hemmhekk venditur ma jista' qatt jiggarantixxi l-paċifiku pussess minħabba d-drittijiet tagħha fuq l-istess art.

Fit-trattazzjoni tiegħu, l-abbli difensur tar-rikorrenti jgħid illi d-**dritt *prima facie*** huwa ċar – peress illi r-rikorrenti ilha tokkupa din l-art sa mis-sena 1991 u dan l-intimati jafuh, partikolarment is-soċjetà Mallia & Mallia Developments Limited illi ftit snin ilu biss kienet talbet permess mingħand ir-rikorrenti sabiex tgħaddi minn fuq l-art okkupata mir-rikorrenti. Isostni illi r-rikorrenti ressqet azzjoni l-Qorti sabiex jiġi dikjarat illi l-art illi tokkupa hi hija fil-fatt tagħha peress illi akkwistata bi preskrizzjoni akkwiżittiva. Isostni għalhekk illi **l-pregudizzju** li tista' ssofri r-rikorrenti temani mill-fatt illi jekk il-Mandat ma jintlaqax, allura ikun qed isir trasferiment ta' art illi jista' hija tagħha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi min-naħa tagħha, **is-soċjetà intimata Mallia & Mallia Developments Limited** topponi għat-talba mressqa u ssostni illi hija ħja akkwistat parti mill-art sħiħa, ossia dik il-parti fejn kien hemm il-fond VILLA NERO fi Frar 2015 u ħames xhur wara sar konvenju bejn l-istess partijiet għat-trasferiment tal-bqija tal-art li oriġinarjament kellha kejl komplessiv ta' madwar 3000mk, u hemmhelk hija ħallset il-prezz intier għall-istess art rimanenti.

Tikkontendi illi inqala' xi diżgwid u l-kuntratt ma sarx kif kien ippjanat, u konsegwentement, ġew inizjalati proċeduri sabiex il-bejjiegħa jersqu għall-att

finali, liema proċeduri ġew definittivament deċiżi mill-Qorti tal-Appell a favur tagħha fl-10 ta' Ottubru 2023.

Is-soċjetà Mallia & Mallia Developments Limited tikkontendi illi wara l-konvenju hija okkupat il-maġġor parti tal-art *de quo*, salv għall-parti fejn hemm l-istalel użati mir-rikorrenti, u għalhekk issostni illi sa minn dakinhar, ir-rikorrenti kienet taf u kienet konxja illi s-soċjetà Mallia & Mallia Developments Limited kienet akkwistat l-art *de quo*.

Tikkontendi illi s-sena l-oħra r-rikorrenti qabdet u għalqet l-aċċess tas-soċjetà Mallia & Mallia Decelopments Limited u ġew anke istitwiti proċeduri ta' spoll – liema kawża għadha pendenti.

Is-soċjetà Mallia & Mallia Developments Limited tikkontendi illi mad-daqqa t'għajn ma jirriżultax il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti u filwaqt illi kull ma għandha r-rikorrenti hija pretensjoni illi qed tavvanza quddiem il-Qorti, min-naħa l-oħra hi għandha sentenza definittiva mill-Qorti tal-Appell li ma tistax tiġi mwarrba u ma għandiex tiġi mwaqqfa l-esekuzzjoni ta' sentenza definittiva b'sempliċi Mandat ta' Inibizzjoni.

Fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tas-soċjetà Mallia & Mallia Developments Limited, huwa jsostni dwar il-fatt illi mill-atti ma tirriżultax il-prova mqar *prima facie* tar-rikorrenti, imma bil-kontra, imma l-prova magħmula bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi l-art hija tas-soċjetà Mallia & Mallia Developments Limited.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi s-**soċjetà intimata Patience Developments Limited** ukoll ressqet ir-risposta tagħha u ssottomettiet illi r-rikorrenti ma' għandha ebda titlolu validu fil-liġi biex tokkupa l-art *de quo*. Tgħid illi l-art kienet proprjetà ta' soċjetà b'responsabbilità limitata ta' żewġ ir-rikorrenti, u meta dan ġie nieqes, ir-rikorrenti u wliedha rrinunzjaw għall-wirt tiegħu.

Tikkontendi illi r-rikorrenti kienet tokkupa l-art b'mera tolleranza minn żewġha u ma jirriżulta ebda riżoluzzjoni mill-kumpanija illi r-rikorrenti ngħatat xi titolu fuq l-art *de quo*. Tikkontendi illi hija r-rikorrenti stess fil-Mandat illi tirrikonoxxi illi l-art hija tal-kumpanija u għalhekk tikkontesta kwalsiasi pretensjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-preskrizzjoni akkwiżittiva.

B'referenza għal numru ta' każistika, is-soċjetà Patience Developments Limited tgħid illi fuq kollox ma jissussistux l-elementi rikjesti mil-liġi biex jintlaqa' Mandat ta' Inibizzjoni.

Dan kollu magħdud, allura magħrufa l-prinċipji legali illi jsawru proċedura eċċezzjonali bħal din u magħrufa l-fatti li jirriżultaw fil-każ odjern, il-Qorti **ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi din il-Qorti mhix ser tidħol fil-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti akkwistatx l-art *de quo* bil-prekrizzjoni akkwiżittiva jew le – dak huma *se mai* mertu tal-proċeduri li ġew inizjalati kontestwalment ma' dan ir-rikors. Il-Qorti tistrieħ biss f'dan l-istadju fuq dak li jikkostitwixxi stat ta' fatt – ossia s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li bih ġie ordnat il-bejgħ tal-art in kwistjoni.

Din il-Qorti ma tistax twarrab illi hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell, li stabbiliet fatti preċiżi u għamlet l-ordnijiet li jsegwu. Ma tħossx, din il-Qorti, illi jirriżultaw xi provi tassew eċċezzjonali illi għandhom imqar iwassluha sabiex tikkunsidra illi tordna l-ħruġ tal-Mandat sabiex, effettivament, ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti l-ordnijiet ta' dik il-Qorti.

Din il-Qorti tqis ukoll illi r-rikorrenti, fi kwalunkwe każ, ma rnexxiliex tipprova, imqar fil-grad rikjest mil-liġi, illi hija għandha dritt *prima facie* x'tikkawtela. B'dana kollu, jibqgħu mpreġudikati d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnha avvanzati fil-kawża fejn qed tittenta tottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja illi l-art hija tagħha għax akkwistata bil-preskrizzjoni akkwiżittiva. Anzi, żżid il-Qorti, l-intimati huma issa ben mgħarrfa u konxji minn dak il-fatt u għalhekk kwalsiasi dritt illi talvolta għad

jista' jkollha r-rikorrenti jekk tirnexxi l-azzjoni tagħha fil-mertu, jibqa' mpreġudikat b'dan id-digriet.

Li jġib il-Qorti għall-element tal-preġudizzju. Il-Qorti tqis illi ma hemmx dubju illi llum s-soċjetajiet intimati jafu bil-pretensjonijiet tar-rikorrenti u l-proċeduri minnha meħuda. Huwa għalhekk, illi r-rikorrenti mhix ser issofri preġudizzju serju jekk tiġi miċħuda t-talba tagħha għal dan il-Mandat, u dan peress illi ma hemmx dubju illi f'każ ta' eżitu pożittiv għaliha fil-kawża fil-mertu, jkollha rimedji ġudizzjarji x'tieħu fil-konfront tas-soċjetajiet intimati.

Illi in kwantu illi l-proċedura ta' Mandat ta' Inbizzjoni hija proċedura eċċezzjonali u li ż-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi, il-Qorti ma tħossx għalhekk illi l-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub għandu jintlaqa'. Il-Qorti mhix konvinta illi l-mandat mitlub huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li qed tippretendi li għandha r-rikorrenti kif avvanzati fil-kawża tagħha imma mhux ppruvati fil-livell meħtieġ f'dawn il-proċeduri.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi :

(a) **tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-14 ta' Frar 2024 safejn il-Mandat kien milqugħ b'mod provviżorju, u

(b) **tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat b'mod definittiv.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrenti.

Mogħti *in camera*, illum, l-Erbgħa, 6 ta' Marzu, 2024.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey**<br>**Onor. Imħallef** | **Amanda Cassar**<br>**Deputat Reġistratur** |